MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Numru. 40/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**George Mercieca, ta' 30 sena, bin Emanuel u Carmen nee' Cini, imwieled Vittorja, nhar it-30 ta' April 1977, residenti fil-fond Recuerdos, Triq Ghajn Tuta, Fontana, Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita' numru 10577(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi George Mercieca akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-18 ta' Gunju 2007 ghal habta tal-00:55hrs gewwa l-Fontana, Ghawdex :

1. b’nuqqas ta’ hsieb, jew bi traskuragini, involontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ PS676 Edelon Spiteri u dana bi ksur ta’l-artikolu 232 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. involontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ta’ mhux aktar minn Lm50 ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta’ Malta u dana bi ksur ta’l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
3. u aktar talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hebb kontra Noel Farrugia sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor bi ksur ta’l-artikolu 339(1)(d) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
4. talli fl-istess post, data u hin, kiser il-bon ordni u paci pubblika, b’ghajjat u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Rat l-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-18 ta’ Gunju mahrug ai termini ta’l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni irrizulta illi dana l-incident inqala’ b’konsegwenza ta’ glieda bejn l-imputat u missieru Emanuel Mercieca u Noel Farrugia fil-festa tal-Fontana, Ghawdex. Jidher illi l-glieda bdiet bejn Emanuel Mercieca u Noel Farrugia u t-tfajla tieghu Antoinette Cutajar fic-centru tal-parocca. F’hin minnhom Emanuel Mercieca inhareg ‘il barra mic-centru u fil-fatt meta wasslu l-pulizija fuq il-post jdher illi l-kwistjoni kienet ikkalmat ruhha. Izda jidher illi f’xi hin wasal l-imputat li mar ikellem lil missieru u wara li ghamel dana huwa hebb ghal Noel Farrugia li inserta kien vicin is-surgent 676 Edelon Spiteri. Is-surgent kif ra dan, dahal bejniethom it-tnejn bil-konsegwenza illi l-imputat spicca laqat lilu bid-daqqa ta’ ponn li kienet intenzjonata lejn Noel Farrugia. Is-surgent Spiteri sofra griehi taht ghajnejh kif jidher mir-ritratti esbieti

bhala Dokument GM2 u GM3. Dana kollu huwa ikkonfermat mix-xhieda tas-surgent Spiteri stess kif ukoll ta' PC510 William Said u PC1425 Jesmond Bugeja li kienu prezenti u assistew lis-surgent Spiteri. Is-surgent ittiehed l-isptar fejn gie immedikat mit-Tabib Teddy George Farrugia, li ikklasifika in-natura tal-griehi bhala wahda hafifa u dana kif jirrizulta kemm mic-certifikat mediku esebiet bhala Dokument GM5, kif ukoll mix-xhieda ta'l-istess tabib a folio 41 tal-process.

Illi l-imputat jinsab akkuzat principalment illi ikkaguna offiza ta' natura gravi involontarjament fuq il-persuna tas-surgent 676 Edelon Spiteri u dana a tenur ta'l-artikoli 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti jirrizulta b'mod car illi l-ferita li saret fuq il-persuna tas-surgent Spiteri saret ghal kollox b'mod involontarju mill-imputat. Dana qed jinghad ghaliex l-imputat fil-fatt kien qieghed ihebb ghal Noel Farrugia u ma kellu l-ebda intenzjoni iwegga' lis-surgent Spiteri. L-imputat stess jiddikjara illi iddispjacieh ghal dak li sehh u li ma kellu l-ebda intenzjoni iwegga' lis-surgent jew xi membru iehor tal-korp tal-pulizija. Madanakollu mill-atti processwali ma jirrizultax ippruvat illi n-natura tal-griehi sofferti mis-surgent Spiteri kienet wahda ta' natura gravi. Kif diga gie isottolinjat iktar 'il fuq, kemm mix-xhieda tat-Tabib Farrugia, kif ukoll mic-certifikat mediku rilaxxjat minnu, in-natura tal-griehi giet ikklasifikata bhala wahda hafifa. Ghalkemm mir-ritratti esbieti mis-surgent Spiteri jidher illi l-gerha kienet tikkonsisti f'farret fil-wicc, madanakollu ma giex ippruvat illi dina il-gerha kienet tikkostitwixxi xi sfregju. Kwindi l-imputat jista' jinstab hati biss li ikkaguna offiza involontarja ta' natura hafifa biss a tenur ta'l-artikolu 226(1)© tal-Kapitolu 9.

Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza tal-hsara  involontarja, l-Qorti tosserva illi l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ghar-rigward ta'dina l-akkuza ghajr ghal fatt illi giet esebita qmis tas-servizz mis-surgent Edelon Spiteri immarkata bhala Dokument GM4. Illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta x'kien il-valur ta' dina l-qmis jew jekk dina l-hsara setghtex b'xi mod tigi irrangata. L-ebda xhud ma gie prodott ghan-nom tal-parti leza sabiex jikkonferma dana

kollu. Fid-dawl ta’ dana in-nuqqas ta’ provi ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza.

Illi l-istess jista’ jinghad ghar-rigward tat-tielet akkuza ta’ natura kontravvenzjonali. Illi l-artikolu 339(2) tal-kapitolu 9 jiddisponi illi l-ebda proceduri kriminali ma jistghu jittiehdu ghar-rigward tal-akkuza in dizamina jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza. Illi mhux biss ma saritx il-prova ta’ tali kwerela, izda lanqas ma gie imressaq bhala xhud mill-prosekuzzjoni Noel Farrugia u cioe’ il-kwerelant sabiex jikkonferma il-kwerela tieghu. Inoltre mill-atti processwali jirrizulta illi l-istess Noel Frrugia qatt ma attenda ghall-ebda seduta quddiem il-Qorti f’dina l-kawza, la personalment u lanqas permezz ta’ xi rappresentant legali. Ghaldaqstant il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza ukoll.

Illi finalment, fir-rigward ta’l-ahhar akkuza, jidher illi l-imputat qieghed jigi akkuzat b’zewg kontravvenzjonijiet ta’ ordni pubblika u cioe’ dik prevista fl-artikolu 338(dd) u 338(bb). Illi ghalkemm ma hemmx dubbju illi l-imputat hwu hati tal-ksur tal-buon ordni meta huwa involva ruhu f’glieda f’post pubbliku, madanakollu ma tressqux provi illi l-imputat f’xi hin qal xi kliem oxxen jew indicenti jew li kien qieghed jidghi.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 225, 226(1)© u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni u it-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati ta’l-ewwel akkuza, izda li ikkaguna offiza involontarja ta’ natura hafifa biss u hati tar-raba akkuza u tikkundannah ghal ammenda ta’ €50 fuq l-ewwel akkuza u ammenda ta’ €25 fuq l-ahhar akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------